II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1638

tal-5 ta' Novembru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kafè ('ICA') ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE ([1]) u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2011.

(2) Skont l-Artikolu 48(1) tal-ICA, l-ICA għandu jibqa' fis-seħħ għal perijodu ta' għaxar snin wara li jidħol fis-seħħ b'mod provviżorju jew b'mod definittiv sakemm ma jiġix estiż jew mitmum f'konformità ma' dak l-Artikolu.

(3) Skont l-Artikolu 9 tal-ICA, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kafè ('ICC'), bħala l-oġħla awtorità tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kafè ('ICO'), huwa l-korp responsabbli għall-prestazzjoni tal-funzjonijiet kollha meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet tal-ICA. Skont l-Artikolu 48(3) tal-ICA, l-ICC jista' jiddeċiedi li jestendi l-ICA lil hinn mid-data ta' skadenza tiegħu għal perijodu wieħed jew aktar suċċessivi li ma jaqbżux it-tmien snin b'kollox.

(4) Fil-11 ta' Settembru 2020, matul il-127 sessjoni tiegħu, l-ICC approva r-Riżoluzzjoni 471 li testendi l-ICA b'sena waħda.

(5) Minħabba l-importanza tas-settur tal-kafè għal għadd ta' Stati Membri u għall-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, huwa fl-interess tal-Unjoni li tkun tista' tipparteċipa fl-ICA sad-dħul fis-seħħ provviżorju jew definittiv ta' Ftehim ġdid.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan l-ICC, minħabba li d-deċiżjonijiet tal-ICC dwar l-estensjoni tal-ICA huma vinkolanti fuq l-Unjoni.

(7) Skont l-Artikolu 48(3) tal-ICA, l-Unjoni tista' toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-ICC dwar l-estensjoni tal-ICA qabel l-iskadenza tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan l-ICC, għandha tkun kif ġej:

(a) li ma toġġezzjonax għad-deċiżjoni tal-ICC li jestendi l-ICA b'sena waħda kif imniżżel fir-Riżoluzzjoni 471 kif approvata fil-127 sessjoni tal-ICC,

(b) jekk ikun meħtieġ, fis-sessjonijiet segwenti tal-ICC, tivvota favur l-estensjonijiet tal-ICA għal perijodi li ma jaqbżux total ta' tmien snin lil hinn mid-data tal-iskadenza oriġinali tal-ICA jew sad-dħul fis-seħħ provviżorju jew definittiv ta' ftehim ġdid, skont liema jiġi l-ewwel.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/579/KE tas-16 ta' Ġunju 2008 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali tal-Kafè 2007 (ĠU L 186, 15.7.2008, p. 12).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-5 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH